# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 363/2014 MH**

**Illum, 9 ta' Ottubru, 2019**

**Moira Magro (K.I. 560875M)**

**vs**

**AirMalta plc**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tad-29 ta' April 2014** li permezz tiegħu esponiet:

*1. "Illi hija kienet impjegata mas-soċjeta' intimata AirMalta plc sa mill-1 ta' Novembru 1994, bi staff number 2885.*

*2. Illi fi Frar 2012, hija applikat għal Voluntary Redundancy & Early Retirement Scheme (VRS) 2011-2012, u s-soċjeta' AirMalta plc irrikonoxxiet dan (Dok A), u ulterjorment, qatt ma rrifjutatha jew għarrfitha illi ma kinitx qed tiġi milqugħa.*

3. *Illi fit-30 ta' April 2013 hija spiċċat mill-impjieg tagħha b'dan illi baqgħet ma tħallsitx l-ammont lilha dovut in linea ma' l-iskema li għaliha applikat kif hawn fuq premess.*

4. *Illi l-AirMalta plc irrifjutat li tagħmel dan għal raġuni mhux valida, anke meta ġiet interpellata tagħmel dan permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Ġunju 2013.*

5. *Illi s-soċjeta intimata AirMalta plc in effetti ħallset u kkumpensat ħaddiema oħra li kienu preċiż fl-istess posizzjoni tal-mittenti, b'dan illi qed timxi mal-mittenti b'mod divers u diskriminatorju mill-mod kif qed timxi mar-rikorrenti.*

6. *Illi kif tħallas ħaddieħor il-kumpens tal-VRS, huwa għalhekk leġittmu għall-mittenti illi titħallas hi ukoll u għalhekk kwalsiasi skuża tas-soċjeta' intimata AirMalta plc biex ma tħallasx hija biss skuża bla ebda fondament legali jew ġuridiku.*

***Għaldaqstant****, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a. *tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti kellha kull dritt tapplika għall-iskema tal-Voluntary Redundancy & Early Retirement Scheme (VRS) 2011-2012;*

*b. tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata AirMalta plc qatt ma rrifjutat tali applikazzjoni magħmula mir-rikorrenti u qatt ma ddikjarat illi l-applikazzjoni ma kinitx qed tigi milqugha;*

*c. tiddikjara konsegwentement, illi r-rikorrenti hija ntitolata tieħu s-somma lilha dovuta in linea ma' l-istess applikazzjoni, ukoll peress illi tispetta lilha bl-istess mod kif kollegi tagħha fl-istess sitwazzjoni tagħha tħallsu;*

*d. tillikwida, okkorrendo jekk ikun hemm bżonn il-ħatra ta' perit nominandi, s-somma dovuta lir-rikorrenti in linea tat-talbiet hawn fuq magħmula a bażi tal-VRS 2011-2012;*

*e. tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas din is-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula;*

*Bl-ispejjes kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 2013, kontra s-soċjeta' intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta tas-27 ta' Mejju 2014**[1] li permezz tagħha esponiet:

*"illi din ir-risposta qed tinħalef mill-Av Godwin Aquilina, Company Secretary, li għandu rappreżentanza ġuridika u li hu edott minn dak maħluf billi ġie nfurmat bil-fatti de quo.*

[1] Folio 39 et seq

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante:*

1. *Illi għalkemm ir-rikorrenti applikat ghal Voluntary Redundancy Scheme (VRS 2011-2012), din l-iskema kienet tispeċifika li d-deċiżjoni jekk applikazzjoni ta' Voluntary Redundancy tiġix aċċettata jew le kienet fid-diskrezzjoni tal-kumpannija.*

2. *Illi fit-2 ta' April 2012, wara li r-rikorrenti applikat għal Voluntary Redundancy Scheme, r-rikorrenti ġiet offerta u hi aċċettat taħdem f' kariga ġdida ta' Commercial PR Executive.*

3. *Illi billi ingħatat u r-rikorrenti aċċettat dan l-inkarigu, il-kumpannija uriet biċ-ċar illi r-rikorrenti ma kenitx ser tiġi kunsidrata bħala 'redundant' u l-istess rikorrenti irrinunzjat għall-Voluntary Redundancy Scheme bl-aċċettazzjoni tal-kariga l-ġdida tagħha.*

4. *Illi wara li aċċettat l-inkarigu ġdid ta' Commercial PR Executive, ir-rikorrenti rizenjat fl-20 ta' April 2013 minn jeddha sabiex tibda impjieg ieħor barra l-Air Malta, u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħet qatt tiġi meqjusa bħala 'redundant';*

*Illi fid-dawl ta' dan l-intimati jissottomettu umilment illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda billi l-intimati mxew skond id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attriċi hija ex-impjegata tas-soċjeta' konvenuta u fil-kors tal-impjieg tagħha kienet applikat għall-iskema tal-*Voluntary Redundancy & Early Retirement Scheme (VRS)*. Eventwalment hija rriżenjat mill-impjieg tagħha u talbet il-ħlas pretiż minnha in linea mal-iskema VRS iżda s-soċjeta' konvenuta naqset li tagħmel dan u għalhekk l-attriċi ntavolat dawn il-proċeduri.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tirrespinġi t-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u targumenta li kienet l-attriċi stess li rrinunzjat għal tali skema meta sussegwentement aċċettat kariga ġdida fi ħdanha u inoltre meta eventwalment irriżenjat mill-impjieg tagħha minn mal-istess soċjeta' ma setgħetx titqies bħala *redundant*.

**PROVI**

i. **Xehdet l-attriċi**[2] li qalet li meta nbidel il-*Management* f'Marzu 2011 l-impjegati kienu mgħarrfa li s-soċjeta' kellha tgħaddi minn ristrutturar biex tiġi fuq saqajha u li jekk dan ma jseħħx is-soċjeta' kien ikollha tagħlaq. Fi kliemha, kienet "*sitwazzjoni ta' take it or leave it*." Saret laqgħa li fiha l-ħaddiema ġew infurmati li kienet ser toħroġ skema ta' rtirar kmieni mix-xogħol u oħra ta'

[2] Affidavit a fol 46 et seq

tmiem ta' mpjieg volontarju. Hija kompliet tgħid li bħal kważi kull impjegat applikat għall-iskema ta' tmiem volontarju għalkemm hija ma xtaqitx ittemm l-impjieg. Pero' ħadet il-parir tal-Kap Eżekuttiv u tefgħet l-applikazzjoni bħala assikurazzjoni fil-każ li r-ristrutturar ma jkunx ta' success għax, kif kienu mgħarrfa, jekk ma jintlaħqux il-miri fin-numru ta' mpjegati kienet ser titħaddem is-sistema tal-*last in first out* u l-impjegati ma jingħatawx is-somma imma jitterminawlhom l-impjieg bin-notice. Ħasset li kienet sitwazzjoni ta' *hobsons choice* minħabba l-biża' li tispiċċa bla mpjieg peress li l-kumpanija kienet ilha mill-2003 għaddejja minn ristrutturazzjoni għall-oħra u kienu fi stat ta' nċertezza għal dan iż-żmien kollu. Hi uriet biċ-ċar li xtaqet tibqa' mpjegata tal-AirMalta.

Għal ħabta ta' Marzu 2012 hija ġiet infurmata verbalment li kkwalifikat għal pożizzjoni ta' *Commercial PR Executive*.

F'Diċembru 2012 saret taf li sħabha kollha ġew mgħarrfa bil-miktub bil-pożizzjoni l-ġdida tagħhom filwaqt li hija ma kellha xejn bil-miktub. B'hekk avviċinat lic-*Chief Officer Organisation Development* ta' dak iż-żmien dwar dan u qalilha li kienet bi żvista u taha ittra datata 1 ta' Diċembru 2012. Qalet ukoll li huwa nfurmaha verbalment li din l-ittra ma kinitx ser ixxekkel jekk jiddeċiedu li jieħdu l-offerta ta' terminu ta' mpjieg volontarju u infatti hija qatt ma rtirat l-applikazzjoni tagħha anzi kienet qed tifhem li l-kumpanija ma rrifjutathiex. Wara dan, hija talbet biex l-ittra tagħha tkun datata 1 t'April 2012 bħal tal-impjegati l-oħra. B'hekk hija ffirmat l-ittra, *letter of appointment* ta' *Commercial PR Executive* bid-data tal-1 t'April 2012 bir-riżerva li tieħu l-*early retirement* li baqgħet *option* miftuħa tenut kont ir-riformi kontinwi li kienu qed isiru u t-tibdil li kien hemm minn jum għall-ieħor. Wara l-*letter of appointment* kienet qed tistenna li tingħata l-kuntratt bil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dak il-kuntratt kien forsi jissiġilla l-pożizzjoni tagħha u kienet tkun taf eżatt fejn kienet fil-kumpanija.

Pero' fit-12 ta' Marzu 2013, Nick Xuereb, *ic-Chief Financial Controller* bir-responsabilta' tar-riżorsi umani taha kuntratt ta' mpjieg mhux fil-pożizzjoni ta' *Commercial PR Executive* skont il-letter of appointment, iżda fil-pożizzjoni ta' *Co-Ordinator Marketing Services* u dan b'effett mill-1 t'April 2013. Dan il-grad ġdid kien ifisser grad inqas minn dak imwiegħed lilha b'ittra datata sena qabel u għaliha ma kienx aċċettabbli għax kien ifisser *demotion*, b'telf fil-kundizzjonijiet u regress fil-*progression* tagħha mal-kumpanija. Hi ħassitha urtata u traduta mill-kumpanija iżda ma kellhiex impjieg alternattiv.

Sadanittant iltaqgħet ma' opportunita' ta' mpjieg u b'hekk infurmat lis-sur Xuereb b'telefonata li hija riedet tittermina l-impjieg u tibbenefika mill-iskema offruta mill-kumpanija sena qabel, li għaliha kienet applikat u li qatt ma ġiet mgħarrfa li ma kinitx aktar valida. Is-sur Xuereb ma tahiex risposta u għalhekk reġgħet infurmatu bil-miktub b'din id-deċiżjoni fit-28 ta' Marzu 2013.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta' konvenuta ma ssemmi xejn dwar dan u tagħti l-impressjoni illi dan ma kienx minnu.

L-attriċi saħqet li l-kumpanija qatt ma kienet għarrfet lill-impjegati li l-iskema kienet għalqet u lilha ħadd m'għarrafha li l-*Management* kien irrifjuta t-talba tagħha, anzi sa Diċembru 2012 kienu ġew infurmati li għadhom validi l-applikazzjonijiet tagħhom.

In **kontro-eżami**[3] hija ġiet murija u xehdet dwar email datata 3 ta' Frar 2012[4] fejn kienet indikat li hija tippreferi li tieħu l-post milli l-iskema VRS u li kienet applikat għall-iskema biss bħala *insurance policy*. Hija kkonfermat li ftit wara dik l-email u ċioe' f'Marzu 2012 hija ġiet infurmata li kkwalifikat għall-kariga ta' *commercial PR executive* u ngħatat l-ittra tal-ħatra f'April 2012. Il-ħatra

[3] Fol 134 et seq
[4] Fol 155

kienet għal żmien indefinit. B'referenza għal dak li kitbet fl-affidavit fejn kienet qalet li ffirmat l-ittra tal-ħatra bir-riżerva li tieħu l-*early retirement*, hija ġiet mistoqsija minn fejn tirriżulta din ir-riżerva mid-dokument. L-attriċi wieġbet li huma kienu ġew imwegħdin verbalment li min jiffirma dik l-ittra tal-ħatra xorta ma kienx marbut li jibqa fl-impjieg mal-kumpanija. Hija qalet li l-VRS xorta kienet għadha miftuħa għax hi għal dik l-iskema applikat mhux għall-irtirar kmieni u lill-ħaddiema ħadd f'ebda ħin ma qalilhom li din ma kinitx għadha valida. Pero' rrikonoxxiet li meta ffirmat l-ittra tal-ħatra ma kitbitx li hija qed taċċetta l-kariga bir-riserva li eventwalment tieħu l-VRS.

L-attriċi ġiet murija wkoll abbozz ta' kuntratt li kien ġie offrut lilha fit-12 ta' Marzu 2013 u li hi kienet irrifjutat li tiffirma għax fil-fehma tagħha kien finanzjarjament anqas vantaġġuż. Imbagħad xahar wara, f'April 2013 hija kienet bagħtet email lis-superjur tagħha Nick Xuereb fejn infurmatu li ser tirriżenja mill-impjieg u talbet li titħallas is-somma tal-VRS. Hija qablet li sa dakinhar li tat ir-riżenja tagħha hija kienet għadha qed tokkupa u tagħmel l-istess xogħol ta' *Commercial PR Executive.* Ħadd mill-kumpanija ma kien qalilha li jekk ma taċċettax il-kariga ġdida hija kienet ser titkeċċa mix-xogħol. Hija qablet ukoll li meta offriet ir-riżenja tagħha f'April 2013 u waqt il-perjodu li kienet qed taħdem in-notice, Nick Xuereb mill-ewwel infurmaha b'email li hija ma kinitx tikkwalifika għal VRS u minkejja dan hija xorta pproċediet bir-riżenja pero' qalet li baqgħet titlob il-VRS. Qablet ukoll li sa dakinhar Xuereb qatt ma qalilha li l-impjieg tagħha kien ser jiġi terminat. Ir-raġuni li taha il-għala ma kinitx eliġibbli kienet li hija ffirmat l-ittra tal-ħatra.

Saritilha wkoll referenza għal żewġ dokumenti oħra preżentati in atti[5]. L-ewwel ittra hija datata 6 ta' Ġunju 2014 u tirreferi għal ilment tal-attriċi dwar somma ta' €4500 li kienet intitolata għalihom u li hija rċeviet biss nofshom. Imbagħad hija ġiet murija l-ftehim kollettiv li kien sar bejn il-*General Workers Union* u s-

[5] Fol 157 et seq

soċjeta' konvenuta u kkonfermat li s-somma li kienet qed tirreferi għaliha fl-ittra kienet dik indikata fi klawsola 9.1. L-attriċi rrikonoxxiet li hija sa issa rċeviet l-ewwel pagament (meta kienet għadha fl-impjieg) u jonqosha tirċievi t-tieni wieħed.

Hija qablet ukoll li fost il-kundizzjonijiet li kien hemm tal-VRS l-AirMalta żammet ir-riserva li fid-diskrezzjoni tagħha tiċħad kull applikazzjoni li ssirilha ta' VRS.

In **ri-eżami**[6] hija xehdet dwar laqgħa li kienet inżammet ġewwa l-lukanda Dolmen u x'intqal lilhom mill-Management tas-soċjeta' konvenuta dwar il-VRS u l-*early retirements* fejn il-ħaddiema kienu ġew imħeġġa biex japplikaw. Kienu qalulhom lid-diskrezzjoni hija f'idejn il-kumpanija pero' jrid altru jkun xi mpjegat li l-kumpanija ma tistax tgħaddi mingħajru li jippruvaw iżommuh altrimenti fejn setgħu kienu ser iħallu lill-ħaddiema jitilqu mill-impjieg.

Hija xehdet ukoll dwar il-post li kienet ġiet offruta wara li applikat għall-VRS.

ii. Xehed **Joseph Saliba għan-nom tal-Korporazzjoni għal Xogħol u Taħriġ**[7], li esebixxa lista ta' mpjegati tas-soċjeta' konvenuta li spiċċaw mill-impjieg tagħhom u inkluż fiha r-raġuni tat-tmiem tal-impjieg minn Jannar 2012 'il quddiem. Qal li huwa l-employer li jibgħat it-termination form.

iii. Xehdet **Claire Cachia,** prodotta mill-attriċi[8], ex-impjegata tal-AirMalta li damet taħdem hemm 16 -il sena li spjegat li fiż-żmien li telqet kienet taħdem bis-sigħat imnaqqsa. Hija spjegat is-sitwazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol u

---

[6] Fol 148 et seq
[7] Fol 53

[8] Fol 53 et seq

li *circa* fi Frar 2012 kienu offrewlha kariga ġdida li minħabba l-ħinijiet li spiċċat kostretta taħdem ma setgħetx tibqa'. Għalhekk irriżenjat mill-impjieg u żmien wara tħallset is-somma li kienet applikat għaliha taħt l-iskema tal-VRS.

In **kontro-eżami**[9] hija qalet li ħadet biss is-somma tal-VRS u mhux l-€4,500 li ngħatat lill-ħaddiema li nżammu mill-kumpanija.

iv. Xehdet **Angela Caruana**, prodotta mill-attriċi, li ħadmet mal-AirMalta mill-1993 sal-2013. Hija kienet applikat għal VRS scheme qabel Diċembru 2012. Ftit qabel dak il-perjodu ta' fuqha riedet iżżidilha d-dmirijiet fuq il-post tax-xogħol iżda żżomm l-istess kariga u paga u għaliha dan ma kienx aċċettabbli. Hija rriżenjat u l-flus tal-iskema rċeviethom żmien wara. Qabel irriżenjat hija ngħatat ittra mill-AirMalta fejn ġie ndikat lilha l-ammont li kienu ser jagħtuha għal *early retirement*. Hija qalet li x-xogħol tagħha u tal-attriċi kien differenti.

In **kontro-eżami** hija qalet li meta ssottomettiet l-applikazzjoni taħt l-iskema ta' VRS kienet determinata li ser titlaq mill-AirMalta.

In **ri-eżami** qalet li hija ma kellhiex l-intenzjoni li tieħu l-VRS. Hi applikat għall-iskema u għall-*post* ta' executive pay roll flimkien. Hija ingħatat dan il-*post*. Mistoqsija mill-Qorti x'kienet ir-raġuni li ħadet il-VRS jekk ingħatat il-kariga ta' *pay roll executive* hija wieġbet li bdiet tara affarijiet li ma bdewx jogħġbuha.

v. **Xehed Brian Bugelli**, prodott mill-attriċi, li jaħdem fit-taqsima tar-riżorsi umani mal-AirMalta. Huwa għamel il-kalkoli dwar xi tkun intitolata tirċievi l-attriċi taħt iskema tal-VRS u s-somma hija ta' €33,592.34.

[9] Fol 170 et seq

Huwa kkonferma li kull impjegat fl-AirMalta li ma ħax l-iskema u baqa' jaħdem mal-kumpanija ingħata somma ta' €4,500 maqsum f'darbtejn biex tagħmel tajjeb għal arretrati ta' pagi li ma ttieħdux. Ix-xhud ma laħaqx ivverifika jekk l-attriċi ħaditx din is-somma. Qal ukoll li mill-*file* personali tal-attriċi m'hemm xejn li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata. Lanqas ma ntbagħtitilha *email* f'dan is-sens.

Ix-xhud ikkonferma li mir-*records* tagħhom jirriżulta li l-attriċi kienet applikat għall-kariga ta' Commercial PR Executive. Kienet intagħżlet, ħarġet *letter of appointment* u hija ffirmat fuqha.

Skont tagħrif li tawh is-superjuri tiegħu, la darba l-attriċi aċċettat il-kariga ġdida, il-VRS application taqa' awtomatikament. Bil-miktub l-impjegati ma kinux ġew infurmati li jekk jieħdu kariga ġdida l-VRS tagħhom taqa'. Skont din il-VRS scheme, hi fid-diskrezzjoni tal-AirMalta li tagħti d-data lill-impjegat meta ser jispiċċa mill-AirMalta.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi nies illi bħall-attriċi ħadu l-kariga l-ġdida iżda wara reġa' bdielhom u mbagħad ħadu benefiċċju mill-VRS scheme huwa qal li kien hemm tnejn biss – Angela Caruana u Clara Cachia. Pero' kien *hemm cut-off date* 31 ta' Marzu 2013 u fil-każ taż-żewġ persuni msemmija dawn kienu spiċċaw qabel dik id-data għalhekk setgħu jibbenefikaw mill-iskema. Huwa kien jaf b'dan verbalment mhux għax ra xi ħaġa bil-miktub. Mingħalih li din kienet ordni li ħariġha Joshua Zammit (ex-kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani). Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kumpanija bgħatitx avviż bil-miktub lill-impjegati tal-AirMalta dwar dan huwa wieġeb li ma bagħtu xejn.

Kien hemm każijiet oħra fejn min ingħata l-kariga reġa' bdielu fis-sens li ma ridhiex wara li ngħata l-*letter of appointment* u spiċċa fl-istess pożizzjoni kif inhi Moira Magro. Dawn baqgħu jaħdmu mal-Air Malta u allura ma tawx ittra

ta' riżenja. Fil-każ tal-attriċi din telqet minn mal-kumpanija u tat ittra ta' riżenja.

L-ewwel kienu ħarġu l-iskemi tal-VRS u kien wara li ħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet għal karigi ġodda.

Qal ukoll li fl-aħħar sentejn il-gradi nbidlu ħafna u ma kienx f'pożizzjoni jgħid jekk għadux jeżisti il-grad ta' *Commercial PR Executive*. M'hemm xejn fil-*file* tal-attriċi li juri li l-applikazzjoni tagħha ġiet aċċettata.

Il-pożizzjoni ta' *co-ordinator Marketing Services* mhijiex *executive grade* u l-post m'għadhiex teżisti. Kieku l-attriċi rrifjutat li taċċetta l-kuntratt, kellha kull dritt li tibqa' fil-kariga li kellha ta' Commercial PR Executive, liema kariga ħadd ma kien ser jeħodielha.

vi. **Xehed Joshua Zammit**[10] li bejn l-2011 u l-2013 kien jaħdem mal-AirMalta b'kariga ta' *Chief Officer Organisation and Development* u wara sar *Chief Officer Project Management*. Hu kien wieħed mill-uffiċjali li kien jieħu ħsieb il-proċess tal-iskemi – *early retirement scheme* u *voluntary redundancy scheme*.

Qal li l-attriċi kienet waħda mill-impjegati li applikat taħt il-VRS scheme. L-uffiċċju tiegħu kienu jipproċessaw l-applikazzjonijiet u jinfurmaw lill-impjegat jekk l-applikazzjoni tiegħu ġietx aċċettata jew le.

Spjega li fl-AirMalta kellhom policy li jekk impjegat jaċċetta l-post li tkun ġiet offruta lilu, il-*VRS application* tiġi rtirata awtomatikament. Irrikonoxxa li fl-ittra mogħtija lill-attriċi datata 2 t'April 2012[11] dwar il-post il-ġdid tagħha ma kienx hemm indikat li jekk taċċetta l-offerta tal-AirMalta taqa' l-*VRS application*

[10] Fol 127 et seq
[11] Fol 21

tagħha. U lanqas ftakar jekk kellhomx korrispondenza mal-impjegati li kienu aċċettaw il-posts fejn ġew infurmati li waqgħet l-applikazzjoni tal-VRS.

Huwa semma li l-pożizzjoni fi ħdan l-AirMalta dak iż-żmien kienet waħda nċerta. Il-messaġġ li kienu qegħdin jingħataw l-impjegati kienet li għandhom japplikaw għal VRS scheme proprju minħabba l-istat ta' inċertezza. Pero' peress li dan kien perjodu li fih kien qiegħed isir ristrutturar ġewwa l-AirMalta, kienu qegħdin jinħarġu wkoll diversi posts ġodda u l-messaġġ li kienu qegħdin jagħtu lill-impjegati kien illi japplikaw ukoll. Pero' ovvjament jekk impjegat jiġi offrut kariga ġdida u jaċċettaha, taqa' l-applikazzjoni għal VRS. In vista tat-trapass taż-żmien huwa tenna li ma jiftakarx jekk l-impjegati ġewx infurmati bil-miktub dwar il-konsegwenza li jaċċettaw *post* ġdid ġewwa l-AirMalta. Saru diversi laqgħat mal-impjegati iżda x-xhud ma ftakarx x'intqal eżatt fihom.

Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel kienet tintbagħat ittra b'offerta ta' kariga ġdida lill-impjegat. Imbagħad fl-ittra kien hemm post fejn jekk jaċċetta l-impjegat, jiffirma. Kif jirċievu l-aċċettazzjoni huma kienu jippreparaw il-kuntratt ta' mpjieg fuq din il-kariga ġdida u jiffirmaw. Huwa ma kienx f'qagħda jispjega il-għala l-post offrut lill-attriċi kien ta' *Commercial PR Executive* mentri l-kuntratt kien ta' *Co-Ordinator Marketing Services* u dan peress li l-kuntratt m'għamlux hu.

Huwa qal li kien hemm *cut off date* (li nesa sa meta kienet) fejn impjegat kellu jiddeċiedi x'ser jagħmel u ċioe' jekk jibqax mal-AirMalta jew jitlaq mill-impjieg. Hu kien għadu jaħdem mal-AirMalta meta ġiet stabbilita l-*cut-off date*. Huwa ma setax jiftakar jekk din ġietx komunikata lill-ħaddiema għalkemm jifhem li ġiet u qal li dan għandu jirriżulta mir-records tal-kumpanija. Dawn l-avviżi kienu jintbagħtu lill-impjegati jew permezz ta' ċirkulari jew permezz ta' email jew jitkellmu mar-rappreżentanti tal-Unions tal-ħaddiema jew l-impjegati jiġu nfurmati waqt laqgħa.

vii. Xehed **Kenneth Aquilina**[12], *Occupational Health and Safety Expert* fi ħdan id-dipartiment tar-Riżorsi Umani tas-soċjeta' konvenuta. Huwa esibixxa dokument relatat mal-applikazzjoni tal-*VRS staff notice* li nħarġet għall-ħaddiema kollha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Huwa paċifiku li fil-perjodu in eżami is-soċjeta' konvenuta kienet għaddejja bi proċess ta' ristrutturar estensiv fuq kull livell bil-għan li tibqa' vijabbli. Dan il-proċess inevitabilment ta lok għal ħafna nċertezza u nstabilita' dwar il-futur tal-ħaddiema. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni fil-21 ta' Diċembru 2011 is-soċjeta' konvenuta ħarġet ċirkulari[13] li permezz tagħha ssenjalat qbil mal-AAE (Assocation of Airline Engineers) u l-GWU (General Workers Union) dwar il-pjan ta' ristrutturar u l-introduzzjoni tal-iskemi VRS u ERS. F'din l-istess ċirkulari, Peter Davies, il-Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' konvenuta f'dik l-epoka, kien informa l-ħaddiema b'aktar dettalji dwar dawn iż-żewġ skemi ta' rtirar u kompla jgħid hekk –

*"In my previous communications I strongly suggested that employees should apply for the VRS/ERS Schemes as insurance whilst still applying for the new jobs available. Applying for a VRS or ERS will not affect the employees' job selection process."*

[12] Fol 183 et seq
[13] Fol 186

Id-dettalji tal-iskemi ta' rtirar ntbagħtu wkoll lill-ħaddiema b'mod individwali nkluż lill-attriċi permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Jannar 2012[14].

Għalkemm in atti ġiet preżentata kopja ta' applikazzjoni għall-iskemi in kwistjoni[15], dik preżentata mill-attriċi baqgħet ma ġietx formalment preżentata. Madankollu m'hemm ebda kontestazzjoni mill-partijiet li l-attriċi kienet issottomettiet din l-applikazzjoni għall-VRS tant li ġiet esibita l-ittra ta' *acknowledgement* da parti tas-soċjeta' konvenuta datata 3 ta' Frar 2012[16] li tikkonferma li kienet irċeviet l-applikazzjoni għall-skema mingħand l-attriċi.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet appena magħmula, u fid-dawl anke tax-xhieda fir-rigward kemm tal-attriċi kif ukoll tar-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta l-Qorti hija sodisfatta li meta l-attriċi applikat għall-VRS hija kienet qegħda tużufruwixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha mill-istess soċjeta'; anzi addirittura l-kif irrizulta attriċi u l-ħaddiema l-oħra kienu proprju mħeġġa mill-istess kumpanija konvenuta biex jagħmlu dan. Naturalment id-deċiżjoni finali baqgħet dejjem tispetta lill-ħaddiema u jirriżulta li l-attriċi kienet fost dawk li volontarjament u liberament għażlet li tissottometti l-applikazzjoni tagħha.

**Għalhekk l-ewwel talba tal-attriċi sejra tiġi milqugħa.**

**Fit-tieni u t-tielet talba tagħha** l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti sabiex -

*"tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata AirMalta plc qatt ma rrifjutat tali applikazzjoni magħmula mir-rikorrenti u qatt ma ddikjarat illi l-applikazzjoni ma kinitx qed tiġi milqugħa;* u

[14] Fol 14 et seq
[15] Fol 19
[16] Fol 4

*tiddikjara konsegwentement, illi r-rikorrenti hija ntitolata tieħu s-somma lilha dovuta in linea ma' l-istess applikazzjoni, ukoll peress illi tispetta lilha bl-istess mod kif kollegi tagħha fl-istess sitwazzjoni tagħha tħallsu;"*

Il-Qorti tibda billi tosserva li fil-komunikazzjoni li s-soċjeta' konvenuta bagħtet personalment lill-attriċi u lill-impjegati l-oħra fit-2 ta' Jannar 2012 huma ġew infurmati hekk dwar l-iskemi ta' rtirar –

***"Skema Volontarja VRS/ERS***

*Huwa mportanti li wieħed jinnota li l-iskemi tal-VRS u l-ERS huma volontarji…Il-kumpanija tirriserva d-dritt li tirrifjuta applikazzjonijiet minħabba l-ħtiġijiet tal-operat. Bl-istess mod, id-data ta' rilaxxjar mill-impjieg għal dawk l-impjegati li l-applikazzjoni tagħhom ġiet aċċettata mill-Kumpanija, ukoll se tkun tiddependi fuq ir-rekwiżiti tal-operat tal-AirMalta.*

……

***Proċess tal-Applikazzjoni u Ħlas tal-VRS/ERS***

*Jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa, l-applikanti jiġu avżati bil-miktub wara li l-applikazzjonijiet kollha jiġu riċevuti u riveduti. Hu previst li dan il-proċess ta' reviżjoni ikun lest tard f'Jannar. Jekk l-applikazzjoni tiegħek tintlaqa',*

*inti tiġi mgħarraf bil-benefiċċji attwali tal-VRS/ERS tiegħek bażati fuq id-data tat-temm t'impjieg tiegħek u aġġustati skont il-perjodi ta' leave bla ħlas u ħidma fuq bażi ta' siegħat ridotti."*

Mis-suespost diġa' jiġi dedott li filwaqt li kull ħaddiem ingħata l-opportunita' li japplika għal dawn l-iskemi, id-diskrezzjoni dwar l-eżitu tagħhom kienet tispetta unikament lis-soċjeta' konvenuta. Dan fid-dawl tal-fatt li l-AirMalta *qua employer* kellha d-dritt u d-dmir li tqis ukoll l-esiġenzi tas-servizz u l-operat l-ewwel u qabel kollox.

Inoltre, dak li kkommettiet ruħha għalih il-Kumpanija mal-ħaddiema tagħha kien li **hija <u>tinforma bil-miktub</u> lil dawk l-applikanti li <u>tintlaqa' l-applikazzjoni tagħhom</u> għall-iskema**.

**<u>Bħala fatt, minn dak li rriżulta mill-provi, in segwitu għall-applikazzjoni tagħha għall-VRS l-attriċi baqgħet qatt ma rċeviet tali komunikazzjoni bil-miktub li l-applikazzjoni tagħha ġiet milqugħa</u>**.

Jiġi ulterjorment osservat li fl-istess jum li ssottomettiet l-applikazzjoni għall-VRS hija bagħtet email lil Brian Bugelli li jaħdem fit-taqsima tar-riżorsi umani mal-AirMalta fejn urietu biċ-ċar li l-preferenza tagħha kienet li tibqa' taħdem mal-kumpanija u mhux li tieħu l-VRS. Fl-email, datata 3 ta' Frar 2012[17] hija kitbet hekk –

*"Hi Brian,*

*As you are aware, I have today applied for the Voluntary Redundancy Scheme.*

[17] Fol 155

*I would like to point out that my post is a 'NO' post and I am **only** applying for this scheme as insurance policy.*

***<u>I confirm that I would rather prefer to take up the post rather than taking the VRS</u>***[18]*."*

Fl-affidavit tagħha hija wkoll ikkonfermat dan –

*"Jien urejt biċ-ċar li xtaqt nibqa' impjegata ma' l-AirMalta*[19]*."*

Ikompli jirriżulta li xahar biss wara, f'Marzu 2012, l-attriċi ġiet infurmata bil-fomm li hija kienet ikkwalifikat għall-post ta' *Commercial PR Executive*. Imbagħad permezz ta' ittra tal-ħatra datata 2 t'April 2012[20] hija ġiet infurmata li b'riżultat tal-eżerċizzju ta' ristrutturar il-post li hija kienet tokkupa ta' "officer" inbidel għal *Commercial PR Executive* u peress li hija kienet tipposjedi l-ħiliet neċessarji għal dan ir-rwol il-kumpanija offritilha din il-kariga b'effett mit-2 t'April 2012. L-attriċi ġiet infurmata wkoll fl-istess ittra li l-kundizzjonijiet tax-xogħol li kellha diġa' kienu ser jibqgħu japplikaw. L-attriċi ġiet mitluba tindika jekk hija hux qed taċċetta din il-ħatra u fil-fatt hija volontarjament iffirmat li qed taċċetta din il-kariga u dan mingħajr ebda riservi.

Il-Qorti għalhekk tikkondividi mal-pożizzjoni meħuda mis-soċjeta' konvenuta li la l-attriċi aċċettat il-post imsemmi hija awtomatikament ma baqgħetx tappartjeni mal-kategorija ta' ħaddiema li jikkwalifikaw għal VRS. Għax jew ħaddiem se jieħu somma li tikkumpensa għal redundancy volontarja taħt il-VRS jew ser jibqa' fl-impjieg. L-attriċi dejjem xtaqet tinżamm fl-impjieg u fil-fatt hekk ġara. Dan ċar minn kliemha stess.

[18] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[19] Fol 46
[20] Fol 42

Jingħad ukoll li fl-ittra li bagħtet lill-ħaddiema f'Jannar 2012 is-soċjeta' konvenuta ndikat li hija kienet qed tirriserva d-dritt li tirrifjuta applikazzjonijiet minħabba l-ħtiġijiet tal-operat. Għalhekk la l-kumpanija, minħabba ħtiġijiet tal-operat offriet post lill-attriċi, li minn naħa tagħha hija aċċettat, ir-rifjut tal-applikazzjoni tal-VRS huwa mpliċitu anke jekk ma ngħatax bil-miktub.

F'dan il-kuntest ukoll jiġi nnutat li l-ftehim ta' ristrutturar bejn is-soċjeta' konvenuta u l-GWU ipprovda wkoll miżuri ta' kumpens għal dawk il-ħaddiema **biss** li nżammu fl-impjieg bħall-attriċi. Dan il-kumpens ma kinux eliġibbli għalih l-impjegati li fost oħrajn intlaqgħet l-applikazzjoni tagħhom biex jitilqu mill-Kumpanija taħt l-iskema tal-VRS.

**L-artikolu 9 tal-ftehim** , fil-parti rilevanti tiegħu għal fini tal-każ odjern jgħid hekk –

*"**9. Retained staff – compensatory measures***

*9.1 In addition to the above salary increases, only employees remaining in employment with Air Malta will receive two (2) lump sum payments in the form of cash payment, of €2250 each in lieu of no pay rises for 7 years. The effective date of first payment, i.e €2250 shall be the first pay period following attainment of the desired staff compliment.*

*9.2 The second payment will be made on the first anniversary of the first payment.*

*9.3* ***It will not apply to staff who have left employment or applied and been accepted to leave the company under a VRS/ERS scheme arrangement.***[21] ”

Għalhekk prova oħra tal-fatt li bl-aċċettazzjoni tal-post offrut lilha l-attriċi ma kinitx għadha taqa' fil-klassi tal-ħaddiema li kienu eliġibbli għall-ħlas tal-VRS iżda saret parti mir-*retained staff* hija li l-istess attriċi kkwalifikat u aċċettat il-ħlas tas-somma totali ndikata f'din il-klawsola ta' €4,500. Huwa minnu li sa issa jidher li hija għadha rċeviet biss l-ewwel pagament ta' €2,500 iżda dan ma jbiddel xejn mill-kunsiderazzjonijiet appena magħmula mill-Qorti. L-attriċi għandha d-dritt li tfittex għall-kumplament tal-ħlas, kif jidher li kienet qed tagħmel[22] iżda hija l-fehma ferma tal-Qorti li aktar minn hekk ma tistax tippretendi mingħand is-soċjeta' konvenuta. Dan għaliex hija kontro-sens legali l-pretensjoni tal-attriċi li b'id waħda aċċettat u bbenefikat mill-miżura kompensatorja skont il-ftehim ta' ristrutturar imsemmi bħala *“retained staff”*, imbagħad bl-id l-oħra, meta **liberament u unilateralment** iddeċiediet li tirriżenja mill-impjieg tagħha għax iltaqgħet ma' opportunita' oħra ta' mpjeg tippretendi li titħallas ukoll is-somma marbuta mal-iskema tal-VRS. Wieħed għandu jkoll żżomm f'moħhu li din is-sistema ta' VRS kienet waħda maħsuba, skont il-ministru[23] inkarigat mill-kumpanija konvenuta dak iż-żmien, biex tinstab soluzzjoni għal-istat finanzjarju prekarju li kienet fih l-istess kumpanija, għalhekk il-ħsieb ta' *retirement scheme* bikrija għal min kien ta' ċertu eta, ' biex anke jitnaqqas l-piz ta-numru ta' ħaddiema fi ħdana.  Il-posizzjoni adottata mill-attriċi kjarament ma kienetx waħda kompatibbli ma dan il-ħsieb. Bla dubbju ta' xejn l-iskema VRS ma kellhiex isib dik l-applikazzjoni li tagħżel li tagħtiha l-attriċi f'din il-kawża.

[21] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[22] Ittra a fol 157
[23] Wieħed għandu jħares biss lejn dak li ġie rapportat fil-gazzetti lokali fir-rigward konċernanti  spjegazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet għal ħtiega ta' tali skema.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li r-risposta mogħtija lill-attriċi mis-soċjeta' konvenuta meta din infurmathom li kienet ser tirriżenja mill-impjieg - sena wara li kienet ilha taħdem fil-post imsemmi - hija ben ġustifikata. Fl-email tat-18 t'April 2013 Nick Xuereb, *Chief Financial Officer*, weġibha hekk lill-attriċi –

*"Please be informed that you had applied for VRS on the 12th Febuary 2012. In your application and also in an email sent by your good-self to HR on the 3rd Febuary 2012, you stated that your VRS was only an insurance policy in case your position would be made redudant.*

*May I also point out that on the 2nd April 2012 you signed an appointment letter, which confirmed you in the role of Commerical P.R Executive role which is the new title for the position you previously held.*

*Kindly note that the company has never confirmed the acceptation of such VRS application withstanding the fact that the position held by you was not to be made redundant, thus please be informed that you are not eligibile for such VRS application."*

Il-Qorti tinnota wkoll li l-attriċi tittanta tagħmel paragun mas-sitwazzjoni ta' żewġ impjegati oħra li hija tgħid kienu f'pożizzjoni identika bħal tagħha. Fl-ewwel lok jingħad li l-indagar ta' allegazzjoni dwar trattament diskriminatorju fuq il-post tax-xogħol huwa kopert bid-dispożizzjonijiet tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u allura l-Qorti mhijiex ser teżamina l-ilment tal-attriċi minn din l-ottika għax ma jispettax lilha. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tinnota li hemm differenza netta bejn is-sitwazzjoni tal-ħaddiema li hi rreferiet għalihom u s-sitwazzjoni tagħha u għalhekk l-attriċi ma tistax testrapola a favur tagħha aspetti mill-każ tagħhom li jistgħu jidhru simili għax fil-fatt l-istampa sħiħa turi li dan ma kienx il-każ. Fl-ewwel lok jiġi senjalat li kemm Angela Caruana kif ukoll Clara Cachia ħadu s-somma tal-VRS għax kuntrarjament għall-attriċi taw ir-riżenja tagħhom mill-impjieg entro t-terminu tal-*cut off date* (31 ta' Marzu

2013), l-applikazzjoni tagħhom ġiet milqugħa u ġew debitament avżati bil-miktub kif indikat fiċ-ċirkulari tal-kumpanija[24]. Iżda fuq kollox u aktar importanti minn hekk huwa li dawn iż-żewġ impjegati ma bbenefikawx mill-għoti tas-somma kompensatorja ta' €4,500 li għaliha kkwalifikat invece l-attriċi. Il-paragun għalhekk ma jreġix.

In fine l-Qorti tirreferi wkoll għad-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2014[25] fejn fost oħrajn ordnat lill-attriċi *"tispjega minn fejn jirriżulta li l-konvenuta kellha obbligu li tilqa' t-talba tagħha għal Voluntary Redundancy & Early Retirement Scheme u tippreżenta dokumenti li jsostnu dak li qed tiddikjara."* Ir-risposta tal-attriċi fejn sostniet li l-kumpanija kellha tilqa' t-talba tagħha għall-VRS kienet bażata fuq tlett raġunjiet li l-Qorti sejra tikkummenta dwarhom –

i. *Hija applikat fuq struzzjonijiet ċari li kien hemm mill-Management* – Il-Qorti ma taqbilx. Kif diġa' ngħad, il-Management tas-soċjeta' konvenuta ħeġġeġ lill-kull impjegat biex japplika iżda d-deċiżjoni dwar jekk tapplikax jew le kienet u baqgħet biss f'idejn l-attriċi u kull impjegat ieħor. Inoltre u fi kwalunkwe każ il-fatt li wieħed japplika ma jagħtix dritt awtomatiku li applikazzjoni tintlaqa' għar-raġunijiet li diġa' ngħataw fis-suespost;

ii. *Ġia la darba l-applikazzjoni ħarġitha l-kumpanija stess u ndirizzatha lill-attriċi espressament, il-kumpanija ma kellhiex raġuni valida biex ma taċċettax l-applikazzjoni una volta l-post li kellha l-attriċi m'għadux fis-seħħ u l-post li ġiet imwegħda ma ngħatalhiex. Di piu' l-kumpanija kienet diġa' ħadmet b'mod approssimattiv il-quantum tal-VRS li għalih kienet intitolata l-attriċi* – dan l-argument assolutament ma jreġix. Il-fatt li l-applikazzjoni kienet indirizzata lill-attriċi, kif del resto ġara ma kull impjegat ieħor, ma jikkwalifikahiex għas-

[24] Fol 92 u fol 104
[25] Fol 8

suċċess mistenni minnha fl-applikazzjoni li ssottomettiet. Il-fatt jibqa' li l-attriċi nżammet fl-impjieg bil-konsegwenzi kollha msemmija. Fuq kollox il-fatt li fl-ittra li ngħatat f'Jannar hija kienet mgħarrfa bl-istima tal-ammont li kienet tkun intitolata għalih jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tagħha aktar u aktar ikompli juri li qabel ma' l-attriċi għażlet li tieħu s-somma ta' €4,500 meta baqgħet fl-impjieg hija kienet ben konsapevoli tas-somma approssimattiva li hija kienet tkun intitolata għaliha jekk tintlaqa' l-applikazzoni. Għalhekk id-deċiżjoni tagħha kienet waħda meħuda fuq informazzjoni sħiħa;

iii. *Fin-nuqqas ta' deċiżjoni li l-applikazzjoni ma kinitx inlaqgħet u bl-istess mod kif il-kumpanija mxiet ma' ħaddieħor f'sitwazzjonijiet identiċi għal dawk tal-attriċi hija ssostni li għandha d-dritt għall-VRS* – għar-raġunijiet diġà mogħtija l-attriċi ma baqgħetx intitolata għall-ħlas tal-VRS u kif ingħad ukoll is-sitwazzjoni tal-ħaddiema l-oħra msemmija ma kinitx identika kif tallega hi.

**Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ssib li t-tieni u t-tielet talba tal-attriċi ma jimmeritawx li jiġu akkolti u in kwantu l-bqija tat-talbiet huma marbuta magħhom, dawn ukoll ser jiġu miċħuda.**

Għall-istess raġunijiet, l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta sejrin jiġu milqugħa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi iżda tiċħad il-bqija tat-talbiet;**

**2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta;**

**3. L-ispejjeż ikunu a karigu tal-attriċi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**